97, Triq Santa Marija, Hal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Reġjun Port - Nu 59/2026 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: It-Tnejn, 23 ta' Marzu 2026

Ħin: 17:30

Bdiet: 17:30

Post: Uffiċju Amministrattiv Reġjun Port, 97 Santa Marija Street, Tarxien

Chev Paul Farrugia	President	Reġjun Port	Preżenti
Is-Sur Marco Agius	Sindku	Kunsill Lokali Bormla	Skużat
Sur John Boxall	Sindku	Kunsill Lokali Birgu	Preżenti
Sur Clayton Cascun Portelli	Sindku	Kunsill Lokali Fgura	Preżenti
Sur Nigel Holland	Sindku	Kunsill Lokali Floriana	Preżenti
Sur Clive Pulis	Sindku	Kunsill Lokali Isla	Preżenti
Sur Wayne Aquilina	Sindku	Kunsill Lokali Kalkara	Preżenti
Sur Jason Silvio	Sindku	Kunsill Lokali Paola	Preżenti
Sur Joseph Abela Galea	Sindku	Kunsill Lokali Tarxien	Skużat
Sur Olaf McKay	Sindku	Kunsill Lokali Valletta	Skużat
Sur Neil Attard	Sindku	Kunsill Lokali Xgħajra	Preżenti
Sur Jorge Grech	Sindku	Kunsill Lokali Zabbar	Preżenti
Sa Lianne Cassar	Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv	Reġjun Port	Preżenti

59. 1 Ittri ta' Apoloġija

59.1.1 Il-President semma li s-Sur Joseph Abela Galea, is-Sur Marco Agius u s-Sur Olaf McKay talbu sabiex ikunu skużati. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Clive Pulis dawn tniżlu bħala skużati.

59.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.58

59.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 58 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Nigel Holland, il-Kumitat approva l-minuti hekk kif preżentati.

59.2.2 Is-Sur Wayne Aquilina talab jagħmel kummenti dwar il-minuti ppreżentati, b'mod partikolari minħabba li ma kienx preżenti fil-laqgħa preċedenti fejn ġiet diskussa ittra legali mibgħuta mill-

97, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Kunsill Lokali tal-Kalkara lir-Reġjun Port, relatata ma' kontijiet pendenti bejn il-partijiet dwar il-ġbir tal-iskart.

Is-Sur Aquilina fakkar li sa mill-bidu tal-kuntratt ta' ġbir reġjonali fl-2023, kien diversi drabi ġibed l-attenzjoni dwar allegazzjonijiet ta' irregolaritajiet mill-kuntrattur, fejn skart kummerċjali kien qed jiġi mħallat ma' skart domestiku fil-lokalità tal-Kalkara. Huwa sostna li dan wassal biex il-kontijiet tat-*tipping fees* mibgħuta mir-Reġjun lill-Kunsill tal-Kalkara kienu ogħla minn dawk ta' kunsilli oħra, bħall-Kunsill Lokali ta' Bormla.

Huwa żied jgħid li, skont il-monitoraġġ tiegħu, wara spezzjonijiet li saru mir-Reġjun, kien hemm tnaqqis sinifikanti ta' madwar 35 tunnellata fix-xahar ta' skart imħallat, li dan il-livell baqa' relattivament stabbli u saħansitra naqas xi ftit minn meta s-servizz tal-ġbir għadda kompletament taħt ir-responsabbiltà tar-Reġjun.

Is-Sur Aquilina ċaħad ukoll il-verżjoni tal-kuntrattur li kien hemm xi forma ta' ftehim jew soluzzjoni bejn il-partijiet, u spjega li l-Kunsill tal-Kalkara ħallas il-kontijiet kollha pendenti, filwaqt li l-kuntrattur kien għamel biss donazzjoni minima ta' madwar €300 għal attività komunitarja organizzata mill-Kunsill. Huwa semma wkoll li, minkejja diversi laqgħat li saru, inkluż fil-preżenza tal-kuntrattur u tal-President tar-Reġjun, il-kuntrattur jidher li qed jevita li jindirizza s-sitwazzjoni b'mod konkret.

Is-Sur Clayton Cascun osserva li, f'din iċ-ċirkostanza, kemm il-Kunsill Lokali tal-Kalkara kif ukoll ir-Reġjun Port jistgħu jitqiesu bħala vittmi ta' fondi li jew intilfu jew diffiċli jiġu rkuprati.

Is-Sindki preżenti esprimew l-interess tagħhom fis-sitwazzjoni u ddikjaraw li huma lesti jappoġġjaw kemm lir-Reġjun kif ukoll lill-Kunsill tal-Kalkara sabiex jiġu esplorati mezzi kif dawn l-ispejjeż jistgħu jiġu rkuprati mill-kuntrattur.

Kien hemm qbil unanimu li tiġi organizzata laqgħa bejn il-partijiet kollha involuti, inkluż il-kuntrattur, fil-preżenza tal-avukati rispettivi u s-sindki li xtaqu jattendu.

Ir-risposta għall-ittra mibgħuta mir-Reġjun Port hija annessa ma' dawn il-minuti u mmarkata bħala **Dokument A**.

Is-Sur Jason Silvio daħal għal-laqgħa fis-18:15.

59.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta l-iskeda ta' pagamenti Nru 51

59.3.1 Fuq proposta tal-President, intalbet l-approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti Nru. 51, b'nefqa totali ta' €345,970.67 għall-perjodu bejn l-24 ta' Frar 2026 u t-23 ta' Marzu 2026. Il-proposta ġiet issekondata mis-Sur John Boxall u s-Sur Neil Portelli u ġiet approvata mill-Kumitat.

97, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

59.4 Komunikazzjoni mill-President

59.4.1 Il-President informa li, fir-rigward tar-rimborż relatat mal-**latrini pubbliċi awtomatiċi,** il-pagamenti kollha pendenti ġew issa regolati u mħallsa kompletament.

Huwa żied jgħid li għadu qed jistenna kjarifika dwar jekk il-kunsilli lokali jistgħux jipproċedu b'proġetti addizzjonali sakemm il-fond allokat jiġi kompletament eżawrit.

59.4.2 **Diskussjoni relatata mar-Reġjun tal-Kultura 2026**

Il-President informa li, fir-rigward tal-installazzjonijiet tal-proġett ***Art in Common***, dawn ser jiġu ffinanzjati mir-riżervi tal-Kunsill Reġjonali, peress li qed jitqiesu bħala proġetti kapitali u għalhekk bħala assi tal-Kunsill.

Il-President staqsa lill-membri preżenti sabiex jikkjarifikaw jekk l-artisti involuti ġewx identifikati mill-Kunsilli Lokali rispettivi jew indikati mid-Direttur Artistiku u mill-Uffiċjal Maniġerjali. Is-Sur Clayton Cascun, is-Sur Nigel Holland u s-Sur John Boxall ikkonfermaw li l-artisti ġew appuntati mir-rappreżentanti tar-Reġjun. Is-Segretarju żiedet li, waqt laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien li saret il-jum ta' qabel, is-Sindku kien indika li l-artist kien diġà ġie magħżul.

Saret diskussjoni fejn il-membri preżenti esprimew il-fehma li l-għażla tal-artisti kellha ssir b'involviment dirett tal-Kunsilli Lokali. Ġie ssuġġerit ukoll li, lil hinn mill-installazzjonijiet artistiċi, għandha ssir diskussjoni aktar miftuħa dwar it-tip ta' inizjattivi li l-kunsilli jixtiequ jaraw implimentati fil-lokalitajiet rispettivi.

Is-Sindki tal-Kunsilli Lokali tal-Isla, Xgħajra u Żabbar indikaw li jinsabu għadhom fi stadju preliminari tal-proġett. Ġiet espressa wkoll tħassib dwar il-fatt li qed jinħatar **Direttur Artistiku** għal kull proġett individwali fil-programm.

Barra minn hekk, is-Sindki preżenti osservaw li, fir-rigward tal-**billboards tal-Ġimgħa l-Kbira**, kien ikun aktar xieraq li jintużaw ritratti artistiċi reali mil-lokalitajiet tar-Reġjun, minflok immaġini ġġenerati bl-AI.

Is-Sur Wayne Aquilina rrimarka li hemm riskju li qed jitqiegħed piż operattiv u kreattiv eċċessiv fuq id-Direttur Artistiku u l-Uffiċjal Maniġerjali. Il-President fakkar li l-kariga ta' Uffiċjal Maniġerjali hija ekwivalenti għal dik ta' Segretarju Eżekuttiv, u għalhekk tinvolvi responsabbiltajiet amministrattivi sostanzjali.

Is-Sur Marco Agius ingħaqad mal-laqgħa fis-18:50.

Il-President informa li r-Reġjun irċieva talba minn **St. Julian's Choir** sabiex jikkollabora f'inizjattiva marbuta mal-Ġimgħa l-Kbira, fejn inizjalment kien mitlub li r-Reġjun jipprovdi servizzi ta' vidjografija u fotografija. Madankollu, wara laqgħat ma' rappreżentanti tar-Reġjun, it-talba

97, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

nbidlet għal produzzjoni televiżiva fuq stazzjon lokali. Wara diskussjoni, ġie nnutat li din il-bidla twassal għal nefqa ferm ogħla u li ma kienetx saret sejħa miftuħa lill-istazzjonijiet interessati. Għaldaqstant, kien hemm qbil li r-Reġjun jaderixxi mal-ftehim oriġinali u jipprovdi biss is-servizzi ta' vidjografija u fotografija.

Il-President semma wkoll li ngħabru kwotazzjonijiet għall-produzzjoni ta' **video clip** għall-kanzunetta tar-Reġjun, fejn l-inqas kwotazzjoni kienet ta' madwar €5,000. Il-membri qablu li jibda x-xogħol mal-kuntrattur magħżul.

Fir-rigward tal-attivitajiet taħt il-programm ***Regional Mosaic***, ġie kkonfermat li dawn huma skedati kif ġej:

- 12 ta' April – Floriana
- 2 ta' Mejju – Bormla
- 27 ta' Ġunju – Isla
- 7 ta' Novembru - Ħal Tarxien

Il-President informa wkoll li l-MTA kkonfermat li ser tassisti finanzjarjament għall-proġett ta' **ZIP Line** minn Forti Sant'Anġlu sal-Esplora. Huwa żied li għaddejja komunikazzjoni mal-Port Master sabiex tiġi evalwata l-possibbiltà li tingħalaq il-Kalkara Creek matul l-attività.

Wara diskussjoni, il-membri qablu li d-dati għall-implimentazzjoni ta' dan il-proġett għandhom jinżammu fil-5 u s-6 ta' Settembru 2026.

59.4.3 Il-President informa li kien irċieva **talba mill-Uffiċjal Maniġerjali** sabiex tkun tista' twettaq xogħol part-time addizzjonali lil hinn minn dak tar-Reġjun, iżda fuq linja relatata.

Saret diskussjoni fejn ġie rikonoxxut li, fil-prinċipju, għandu jkun permess li l-ħaddiema jwettqu xogħol part-time ieħor. Madankollu, ġie enfasizzat li għandhom jiġu stabbiliti klawżoli ċari sabiex jiġu evitati kunflitti ta' interess u sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi tar-Reġjun.

Ġie deċiż li s-Segretarju tipprepara draft ta' ittra li tinkludi dawn il-kundizzjonijiet, u li din tiġi ċirkolata fost il-membri qabel ma tintbagħat lill-ħaddiema konċernati.

59.5 Preżentazzjoni u approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Awditjat għas-sena 2025 kif ukoll Management Letter u Management Reply

59.5.1 Il-President talab lis-Segretarju sabiex tippreżenta u tispjega d-dokumenti relatati, inkluż ir-Rapport Finanzjarju Awditjat għas-sena 2025, il-Management Letter u l-Management Reply.

Wara l-preżentazzjoni u diskussjoni qasira, fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Clayton Cascun, ir-rapporti msemmija flimkien mar-risposta għall-Management Letter ġew approvati unanimament.

97, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

59.6 Preżentazzjoni u approvazzjoni kwotazzjoni miġbur ta' ġbir ta' skart riċiklabbli u ċimiterji.

59.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li kien hemm rikjesta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex terġa' tingħabar kwotazzjoni għall-ġbir ta' skart riċiklabbli mill-kummerċ peress li kien ser jagħlaq l-addendum tal-kuntratt f' Mejju 2026.

Hija żiedet li, wara talba lill-kuntrattur għall-perjodu minn Ġunju 2026 sa Mejju 2027, jidher li l-ispiża għal kull ġabra kummerċjali ser tiżdied b'madwar €800, filwaqt li l-ispiża relatata mal-ġbir miċ-ċimiterji ser tibqa' l-istess.

Saret diskussjoni dwar is-sitwazzjoni, fejn ġie nnutat li hemm limitazzjonijiet fuq x'jista' jsir lil hinn mill-kundizzjonijiet eżistenti. Għaldaqstant, ġie maqbul li r-Reġjun jipproċedi sabiex jagħmel talba formali għall-approvazzjoni mid-Dipartiment tal-Kuntratti kif ukoll talba ta' fondi addizzjonali lid-DLG.

59.7 Komunikazzjoni mill-Membri

59.7.1 Is-Sur John Boxall informa li l-applikazzjoni tar-Reġjun li kienet ġiet sottomessa ġiet aċċettata, u għalhekk ir-Reġjun ser ikun parti mill-*European Easter Network*.

Huwa żied li l-Kunsill Lokali tal-Birgu esprima x-xewqa, fuq livell internazzjonali, li jospita l-kungress li jmiss ġewwa l-Birgu.

Barra minn hekk, is-Sur Boxall talab lis-Sindki preżenti sabiex jipprovdu materjal ta' vidjografija u fotografija relatat ma' attivitajiet tal-Ġimgħa Mqaddsa u l-Għid, kemm jekk diġà disponibbli jew li jista' jingħabar, sabiex jintuża għal skopijiet promozzjonali u rappreżentattivi.

59.8 Aġġornament

59.8.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fis-seba' u nofs, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar l-Erbgħa, 28 t' April 2026 fil-17:0w0 fl-Uffiċju tar-Reġjun.

Chev Paul Farrugia

President Reġjun Port

Lianne Cassar

Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Reġjonali Port
Port Regional Council

Dok A.

EMA
Emmanuel Mallia and Associates
ADVOCATES

. Bonnici
Valletta

Regency House,
1st Floor,
Republic Street,
Valletta VLT1114

10 ta' Marzu 2026

Kollegi,

RE: Verifiki fuq it-tunellaġġ miġbur matul il-perjodi ta' Jannar 2024 - Ġunju 2024 u Jannar 2025 - Ġunju 2025

Qiegħed nikteb għan-nom tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv u għan-nom tal-Kunsill Lokali Port ta' 97, St. Mary Street, Tarxien, filwaqt li qegħda ssir referenza għal-ittra datata 18 ta' Diċembru 2025.

Illi l-mittenti filwaqt li jieħdu konjizzjoni tal-kontenut tal-ittra, jixtiequ ġentilment jiġbdu l-attenzjoni li min informazzjoni li l-Kunsill Reġjonali Port akwista mil-awtoritajiet konċernati l-ammont ta' tunnellaġ matul is-snin kien fil-limiti tas-sena 2024, u sa ħansitra kien hemm perjodi fis-sena 2023 u 2022 fejn kien jiżboq il-medja. L-mittenti Kunsill jifhem ukoll li l-Kunsill Lokali Kalkara għandu l-uffiċjali fi ħdanu neċessarji sabiex jkunu jistgħu jagħmlu moniteraġġ tal-ammonti qabel ma jkun imħallas it-tunnellaġ akkreditat lil Kunsill Lokali, allura Kunsill Reġjonali Port ma huwiex jifhem għalfejn qed jkunu kontestati dawn l-ammonti.

Illi mingħajr preġudizzju għal dan, l-mittenti jemmen li tali ammonti għadhom jkunu diskussi mal-kuntrattur ta' dak iż-żmien wara li l-fatturi jkunu thallsu, stante li ilhom pendenti ħafna, b'dana li l-Kunsill Reġjonali Port ma jistax jagħmel l-ebda reviżjoni kif mitluba minħabba r-raġunijiet indikati fuq.

Il-mittenti jibqgħu sottomessi li jsibu soluzzjoni.

EMA

Emmanuel Mallia and Associates

ADVOCATES

Grazzi u tislijiet,

Av. Dustin Camilleri

cc. Regjun Port – 97, St. Mary Street, Tarxien

GCS – Casa Galea, Triq il-Kappella ta' Santa Marija, Maghtab, Naxxar

DG Gvern Lokali – 26, Archbishop Street, Valletta

Kalkara LC – 12, Binja tas-Salvatur, Wesgħetl-10 ta' Diċembru 1897, Kalkara

6, Mdina Court,
First Floor,
Mdina Road,
Msida MSD9011

www.emallia.com
info@emallia.com

(356) 2122 2912
(356) 2122 1911
(356) 2122 1922

97, Triq Santa Marija, Hal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Kunsill Reġjonali Port Nu 60

L-Erbgħa, 29 t' April 2026

President / Viċi – President / Membru

Qiegħed tiġi mitlub sabiex tattendi għal-Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Port. Din il-Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Port Nu.60 li ser tinżamm l-Erbgħa, 29 t' April 2026 fis-17:30 ġewwa l-Uffiċju Amministrattiv tar-Reġjun Port.

Lianne Cassar
Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

60.1 Ittri ta' Apoloġija
60.2 Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.59
60.3 Punti maħruġa mill-Minuti Nu. 59
60.4 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 52
60.5 Aġġornament fuq ir-Reġjun tal-Kultura 2026
60.6 Preżentazzjoni u Approvazzjoni Rapport Finanzjarju għall-Ewwel Kwart tas-Sena 2026
60.7 Komunikazzjoni mill-President
60.8 Aġġornament